**16 ta' Mejju, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Joseph Gauci
*versus*
Henry Pace et.

**Self — Privileġġ — Inkassi ta' Tijatru — Art. 2113(d) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Hu privileġġjat il-kreditu għall-prezz ta' ħaġa, sew jekk il-bejgħ ikun sar bi żmien għall-ħlas kemm mingħajr żmien, u l-kreditu għal xogħolijiet, fornimenti jew spejjeż li jkunu servew biex issir il-ħaġa jew biex tinżamm fi stat tajjeb, jew biex issir aħjar milli tkun, fuq il-ħaġa nnfisha.*

*Fil-każ li l-kreditur ikun iffornixxa lid-debitur self ta' flus biex jiġi akkwistat il-makkinarju meħtieġ u jsiru l-alterazzjonijiet opportuni f'teatru sabiex dan jiġi miljorat u jirrendi aktar inkassi, din id-dispożizzjoni tal-liġi ma tapplikax, fis-sens illi dak il-kreditur ma għandux privileġġ dwar il-kreditu tiegħu fuq l-inkassi li jiġu realizzati wara li jsiru dawk il-miljoramenti fit-teatru.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'kuntratt in atti Dottor John Spiteri Maempel tal-5 ta' Settembru 1955 hu somministra lill-konvenut Portanier, b'titolu ta' self, is-somma ta' £3250, u li din is-somma fil-fatt serviet sabiex biha jiġu akkwistati l-makkinarju u l-materjal meħtieġ u biex isiru l-alterazzjonijiet strutturali sabiex fl-Orpheum Theatre, il-Gżira

jintrama' "cinemascope", kif fil-fatt ġara; u li l-konvenut Portanier obliga ruħu li jippermettilu li jieħu, b'restituzzjoni gradwali tal-imsemmi mutwu, ħmistax fil-mija tal-inkassi tal-azjenda wara li jiġu dedotti t-taxxa tal-Gvern, u dan relattivament għal-tliet kwarti spettanti lill-istess konvenut, eskluż il-kwart tal-konvenuti l-oħra Pace; u illi b'sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Novembru 1956 il-konvenuti Pace ġew immessi in salviano anki fil-fond fejn hu gestit l-imsemmi Orpheum Theatre, li minnu tliet kwarti ġew konċessi lill-konvenut Portanier b'titolu ta' subenfitewsi perpetwa mill-istess konvenuti Pace, u l-kwart l-ieħor ġie liru mikri mill-istess Pace, iżda l-immissjoni in salviano ġiet konċessa biss għall-kreditu tal-istess konvenuti Pace għall-kera; u illi l-istess konvenuti Pace ġew imsejħin bl-ittra uffiċjali tad-29 ta' Novembru 1956 sabiex fl-amministrazzjoni u godiment tagħhom antikretiku jimmantjenu ferm u illeż id-dritt fuq imsemmi għall-perċezzjoni tal-perċentwali tal-ħmistax fil-mija mill-inkassi dedotti t-taxxi, oltre drittijiet tiegħu oħra skond l-imsemmi kuntratt; u illi, b'risposta għal dik is-sejħa, il-konvenuti Pace ppretendew li għandhom id-dritt jaqtgħu mill-inkassi netti, qabel xejn, iċ-ċnus u l-kera; u illi l-kreditu tiegħu jinsab privileġġjat skond it-tieni parti tal-ewwel paragrafu tal-art. 2113 Kap. 23 Edizzjoni Riveduta, in kwantu l-flus maħruġa minnu servew u qegħdin iservu għall-produzzjoni tal-ħaġa, jiġifieri tal-inkassi li fuqhom hemm kontestazzjoni; u illi dan il-privileġġ hu mqiegħed fl-imsemmi artikolu qabel dak tad-"dominus" u tal-lokatur għall-ċnus u kera, u għalhekk hu pozjuri skond id-dispost tal-ewwel subartikolu tal-art. 2196 Kap. 23 Edizzjoni Riveduta, bla ma din il-pozjorità hi menomata bit-tieni subartikolu ta' dak l-artikolu, li jirriferixxi biss għall-prezz tal-bejjiegħ, mhux anki għal dak tas-somministratur tal-flus li servew għall-produzzjoni tal-ħaġa; u illi l-kreditur salvjanista' bħala mandatarju tad-debitur, għandu b'liġi jirrispetta d-drittijiet tat-terzi; talab li jiġi dikjarat u deċiż li d-dritt privileġġjat tiegħu li jipperċepixxi mill-inkassi tal-azjenda msemmija l-perċentwali fuq indikata dedotti t-taxxi, b'estinzjoni parzjali tal-kreditu tiegħu għall-kapital u lukri, hu antepost u pozjuri għal dak tal-konvenuti Pace għall-ċnus u kera, għar-raġuni li s-somministrazzjoni tal-flus da parti tiegħu lill-konvenut Portanier serviet u għadha sser-

vi għall-produzzjoni tal-ħaġa, jiġifieri tal-inkassi derivanti mill-attivazzjoni taċ-ċinemascope u makkinarju u attrezzi relattivi akkwistati bi flusu; u l-konvenuti Pace jiġu kundannati, bħala salvjanisti, jħallsu lilu dak l-ammont lilu dovut in bażi għall-perċentwali fuq riferita mid-data tal-inizju tal-godiment tagħhom bħala salvjanisti sal-lum, f'dik is-somma li tiġi stabbilita, kalkulata skond il-kuntratt fuq imsemmi, bla ebda detrazzjoni preventiva tal-kreditu tal-istess konvenuti għaċ-ċnus u kera; salvi d-drittijiet tiegħu għall ammont tal-perċentwali mhux imħallsa mill-konvenut Portanier qabel l-immissjoni in salvjano, għall-ammont tal-perċentwali għaż-żmien futur mhux kopert bl-odjerna ċitazzjoni, u għall-ispezzjoni tal-kotba u dħul gratuwitu għall-ispettakoli skond il-kuntratt. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali fuq riferita; u bl-interessi kummerċjali mid-data tan-notifika tal-istess ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-attur jibbaża l-istanza tiegħu fuq (1) il-privileġġ li jallega li lilu jikkompeti fuq l-inkassi skond it-tieni parti tal-ewwel paragrafu tal-art. 2113(d) tal-Kodiċi Ċivili, u (2) l-obligazzjoni tal-konvenuti Pace, bħala salvjanisti, li jirrispettaw id-drittijiet tiegħu għaliex skond l-art. 2097 tal-istess Kodiċi d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-antikresi, kontenuti fit-Titolu XXII tal-istess Kodiċi, mhumiex ta' ħsara għall-jeddijiet li t-terzi jistgħu jkollhom fuq l-immobili mogħti b'antikresi;

Skond l-ewwel paragrafu tal-art. 2113(d) tal-Kodiċi Ċivili, hu privileġġjat il-kreditu għall-prezz ta' ħaġa sew jekk il-bejgħ ikun sar bi żmien għall-ħlas kemm mingħajr żmien, u l-kreditu għal xogħolijiet, fornimenti jew spejjeż li jkunu servew biex issir il-ħaġa jew biex tinżamm fi stat tajjeb, jew biex issir aħjar milli tkun, fuq il-ħaġa nnfisha;

Dik li l-attur isejjaħ it-tieni parti tal-ewwel paragrafu tal-imsemmi artikolu 2113(d) hi appuntu dik li tirrigwarda l-kreditu għal xogħolijiet, fornimenti jew spejjeż

li jkunu saru biex issir il-ħaġa jew biex tinżamm fi stat *tajjeb, jew biex issir aħjar milli tkun;*

L-attur jippretendi li din hi dispożizzjoni tal-liġi li tagħtieh il-privileġġ, billi jallega li l-mutwu li hu għamel lill-konvenut Portanier kien forniment jew "spejjeż" li servew biex issir, jiġifieri tiġi prodotta il-ħaġa; u bil-"ħaġa", fil-każ preżenti, hu jifhem il-flus li jiġu nkassati bl-eżerċizzju tat-teatru fuq imsemmi;

L-attur però, irid jikkrea privileġġ li l-liġi ma tissanzjonax. *U difatti, l-attur jgħid li hu silef il-flus lill-konvenut* Portanier sabiex dan ikun jista' jakkwista l-makkinarju u l-materjali neċessarji biex it-teatru fuq imsemmi jsir tajjeb għall-eżerċizzju ta' "cinemascope". Il-flus, għalhekk, ma ġewx forniti għall-produzzjoni, konservazzjoni jew miljorament ta' dawk il-makni, ossija ta' dak il-makkinarju u ta' dak il-materjal li ġew akkwistati bil-flus mislufa. Kieku nxtraw makni u materjal biex jikkonservaw jew jimmiljoraw makkinarju jew materjal eżistenti, kien ikun hemm il-privileġġ fuq dan il-makkinarju u *materjal; iżda dan lanqas ma jista' jingħad* li sar, billi jirriżulta illi bil-flus żgur li ma nxtrawx partijiet biex jikkonservaw jew jimmiljoraw xi makkinarju, imma, inveċe, ġie mixtri l-makkinarju u l-materjal meħtieġ biex it-teatru jsir tajjeb għall-"cinemascope". Del resto, dan l-attur lanqas ma jippretendieh, għaliex ma jippretendix privileġġ fuq il-makkinarju, imma privileġġ fuq l-inkassi li jsiru fl-eżerċizzju taċ-"cinemascope"; jippretendi, fi kliem ieħor, illi, peress li bil-flus li fornixxa ġew akkwistati ħwejjeġ li bil-ħidma tagħhom jista' jsir "cinemascope", li l-eżerċizzju tiegħu *jġib dħul ta' flus,* dawk *l-inkassi* huma l-prodott tal-flus li hu ssomministra, jew almenu li dawk il-flus kabbru, jiġifieri immiljoraw l-inkassi, billi mingħajr dak il-makkinarju bl-eżerċizzju tat-teatru kif kien qabel, l-inkassi kienu jkunu anqas;

Però, il-liġi tgħid li l-privileġġ hu fuq il-ħaġa nnfisha u lanqas ma jistgħu l-inkassi jiġu proprjament kunsidrati bħala frutti tal-ħaġa, għaliex mhumiex il-prodott unikament, u forsi lanqas prinċipalment, tal-ħaġa, billi, kif *hu risaput, ħafna huma l-fatturi li jikkonkorru għall-*

produzzjoni tal-inkassi ta' azjenda. Del resto tipproduċi, tikkonserva u timmiljora ħaġa, kif jgħidu l-awturi, ma jissinifikax ukoll tipproduċi, tikkonserva u timmiljora l-produttività; u f'materja ta' privileġġ, kif aktar il-quddiem ikun hemm okkażjoni li jingħad, l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kelma tal-liġi għandha tkun wisq stretta;

Skond ir-raġunament tal-attur, allura, l-antiċipazzjonijiet u l-prestiti li l-kredituri jagħmlu lill-kummerċjant huma privileġġjati fuq il-qliegħ jew fuq l-inkassi tiegħu, għaliex dawn l-antiċipazzjonijiet u dawn il-prestiti jsiru lill-kummerċjant biex jajjutawh jibda, jikkontinwa jew jirrendi aħjar il-ġestjoni, l-azjenda, u jiġi allura kreat privileġġ — qatt dak immaġinat mill-attur — ġenerali, għaliex jaggrava l-azjenda kollha u jkun jaqa' anki fuq il-prezz tal-immobili, jekk immobili jkun hemm fl-azjenda. Bl-istess raġunar tal-attur ikun hemm allura privileġġjati fuq l-inkassi anki s-salarji tal-impjegati kollha, għaliex anki x-xogħol ta' dawn jikkontribwixxi għall-produzzjoni tal-inkassi, u, f'kelma waħda, ikun privileġġjat allura l-kreditu ta' kull min b'xi mod ikun għamel xi xogħol kwalunkwe in konnessjoni mal-eżerċizzju tal-azjenda, u dak ta' kull min b'xi mod iffornixxa flus biex jitħallsu debiti, jew isiru spejjeż relattivi għall-eżerċizzju tal-azjenda; fil-każ tagħna għal-eżerċizzju tat-teatru fuq imsemmi; billi anki dawn jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-inkassi. Imma l-privileġi huma stabbiliti mill-liġi, u ma jistgħux jiġu estiżi minn każ għal ieħor, u privileġi bħal dawn ma jinsabux fil-liġi;

Mhux il-każ — għaliex ma jirrikorrix — li wieħed jitkellem dwar il-kwistjoni jekk il-ħaġa li fuqha hemm il-privileġġ sanzjonat fl-art. 2113 (d) tridx tkun bil-fors korporali jew tistgħax tkun ukoll inkorporali; kwistjoni li fuqha, speċjalment kwantu għall-konservazzjoni, l-awturi ma jaqblux; u milli jidher lanqas ma hi konkordi l-ġurisprudenza tagħna, billi, fil-waqt li f'sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Diċembru 1894. in "Mizzi vs. Trapani", insibu li l-lingwaġġ tal-liġi li tagħti l-privileġġ jindika "lavori manuali e quindi una cosa corporale", f'sentenza oħra illi l-istess Qorti tgħat ftit anqas minn sentejn wara (24 ta' Novembru

1896), fil-Konkors tal-Kredituri ta' Saverio u Saverina konjuġi Diacono, insibu "che la significazione della parola 'cosa' è tanto ampia da comprendere, secondo la definizione della legge stessa, tutto ciò che può essere l'oggetto di proprietà pubblica o privata; essa dunque...... si estende a tutte le cose mobili corporali ed incorporali";

Imma, kif intqal, il-privileġġ hu fuq il-ħaġa nnfisha, fuq il-ħaġa partikulari nnfisha li fuqha sar ix-xogħol, jew li għaliha saru l-fornimenti jew spejjeż biex dik il-ħaġa partikulari, dik il-ħaġa ċerta u determinata, issir, tiġi konservata, jew miljorata; u kwindi hu ineżistenti l-privileġġ pretiż mill-attur għal self li seta' serva għall-kreazzjoni, konservazzjoni jew miljorament tal-azjenda fuq riferita tal-konvenut Portanier, għaliex ma jidħolx preċiżament taħt id-dispożizzjoni tal-liġi minnu nvokata — art. 2113(d); u hu risaput illi, peress li l-privileġi, kif ukoll l-ipoteki, jagħmlu eċċezzjoni għall-prinċipju ġenerali illi l-beni tad-debitur huma l-garanzija komuni tal-kredituri tiegħu bi dritt ugwali, u l-eċċezzjonijiet huma dejjem ta' interpretazzjoni stretta, id-dispożizzjonijiet tal-liġi konċernenti l-privileġi, u anki l-ipoteki, għandhom jiġu nterpretati u applikati restrittivament, u l-privileġġ, kwindi, ma jistgħax jiġi preżunt b'argumenti ta' assimilazzjoni u ta' analoġija;

Skartat bħala bażi tal-azzjoni l-privileġġ, wieħed issa jgħaddi biex jara jekk tistgħax tiġi milqugħa bħala bażi tal-istess azzjoni l-invokata dispożizzjoni kontenuta fl-art. 2097 tal-Kodiċi Ċivili;

Din id-dispożizzjoni hi tat-tenur segwenti:— "Xejn fid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu (Titolu XXIII, Fuq l-Antikresi) ma hu ta' ħsara għall-jeddijiet li t-terzi jistgħu jkollhom fuq l-immobili mogħti b'antikresi." Jekk il-kreditur li jkun iżomm l-immobili b'antikresi jkollu, apparti mill-antikersi, jedd ta' privileġġ jew ta' ipoteka li jkun iseħħ skond il-liġi fuq dak l-immobili, hu jista' jeżerċita dan il-jedd ta' privileġġ jew ta' ipoteka fil-grad li jkun imissu u bħal kull kreditur ieħor;

Is-sempliċi lettura ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi turi illi l-istess ma tistgħax isservi ta' bażi għall-azzjoni tal-

attur; għaliex dik id-dispożizzjoni tirriferixxi għal drittijiet fuq l-immobili, fil-waqt illi l-azzjoni odjerna tiegħu għandha bħala oġġett tagħha mhux l-immobili, imma l-inkassi, il-flus; u lanqas ma kienet tista' sservi kieku l-attur kellu l-privileġġ li mmillanta, l-għaliex dak il-privileġġ, kieku sanzjonat mil-liġi, kien ikun, kif l-istess attur immaġinah, fuq ħaġa mobbli partikulari, u mhux fuq l-istess immobili;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-istanza; bl-ispejjeż.